Australian Government
Services Australia

# Ikseb il-provi tat-tilqima tiegħek COVID-19

## L-immunisation history statement (l-istejtment tal-passat tat-tilqima) jirrekordja l-istatus tat-tilqima tiegħek COVID-19.

L-eħfef metodu kif tikseb l-istejtment tiegħek onlajn hu billi tuża jew:

- il-kont tiegħek tal-Medicare online permezz ta' myGov jew
- il-mowbajl app Express Plus Medicare.

## Kif takkwista l-immunisation history statement tiegħek

Trid tuża l-kont tiegħek Medicare online permezz ta' myGov:

1. Idħol ġewwa myGov u agħżel **Medicare**.
2. Fl-istampa li turi forma ta' maduma bit-titlu **Immunisation history** (Passat tat-Tilqima), agħżel **View statement** (Ara l-istejtment).
3. Agħżel ismek, u mbagħad agħżel **View history statement (PDF)**.

Jekk ser tuża l-Express Plus Medicare mowbajl app:

1. Iloggja fl-app.
2. Agħżel **Immunisation history** minn **Services** (Servizzi).
3. Agħżel ismek, u mbagħad agħżel **View history statement (PDF)**.

Jekk ma tistax takkwista l-immunisation history statement tiegħek onlajn jew għandek bżonn l-għajnuna, ċempel **1800 653 809**.

## Jekk m'għandekx kont onlajn tal-Medicare

Int jeħtieġlek tillinkja l-Medicare mal-kont tiegħek myGov biex tistabbilixxi l-kont tiegħek onlajn tal-Medicare.

Idħol fil-, oħloq, il-kont tiegħek myGov f'**my.gov.au**

Imbagħad tkun tista' tillinkja l-Medicare billi tuża jew:

- in-numru tal-kard tiegħek tal-Medicare u t-tagħrif mill-passat tiegħek tal-Medicare
- kodiċi li tillinkja maħruġa minn Medicare.

Għall-għajnuna biex tillinkja l-Medicare ma' myGov, mur f' **servicesaustralia.gov.au/medicareguides**

## Żomm id-dettalji tiegħek tal-kuntatt tal-Medicare aġġornati

Hu importanti li d-dettalji tiegħek tal-kuntatt tal-Medicare ikunu aġġornati. Int tista tara u taġġorna d-dettalji tiegħek billi tuża l-kont tiegħek online tal-Medicare jew l-app tal-mowbajl Express Plus Medicare**.**

## Jekk mintix eliġibbli għal Medicare jew Department of Veterans' Affairs (DVA)

Int tista' titlob Individual Healthcare Identifier (IHI) (Identifijer Individwali tal-Kura tas-Saħħa) minn għandna biex tikseb sommarju tat-tilqim permezz tal-My Health Record. Idħol f' **servicesaustralia.gov.au/ihi** għal aktar tagħrif.

Għall-aħħar aġġornamenti u parir dwar COVID-19, mur f'**australia.gov.au**

# Għal aktar tagħrif

- ċempel lit-Translating and Interpreting Service (TIS National) (Is-Servizz tat-Traduzzjoni u l-Interpretar) fuq **131 450** biex titkellem magħna fil-lingwa tiegħek dwar is-servizzi tal-Medicare
- mur f'**servicesaustralia.gov.au/ihs** għal aktar tagħrif bl-Ingliż
- mur f'**servicesaustralia.gov.au/yourlanguage** fejn tista' taqra, tisma' jew tara vidjos b'tagħrif fil-lingwa tiegħek
- żur ċentru tas-servizz.

Nota: telefonati minn telefown tad-dar b'numri '13' minn kwalunkwe parti tal-Awstralja jiġu ċċarġjati rata fissa. Dik ir-rata tista' tvarja mill-prezz ta' telefonata lokali u tista' wkoll tvarja skont il-provveditur tas-servizz tat-telefown. Telefonati għal numri '1800' mit-telefown tiegħek tad-dar huma bla ħlas. Telefonati minn telefonijiet pubbliċi jew bil-mowbajl għandhom mnejn jiġu ċċarġjati skont kemm iddum it-telefonata u jiġu ċċarġjati rata ogħla.